# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' April, 2002**

**Appell Nru 14/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Aquilina talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Ottubru 1997 u fl-ahhar gimghat qabel dina d-data:

**(1)** forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina bi ksur tal-ligi;
**(2)** kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina bi ksur tal-ligi;
**(3)** ikometta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' 100 metru minn perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh;
**(4)** kien akkuzat ukoll talli ukoll fis-16 ta' Ottubru 1997 ghall-habta tas-1.30 ta' wara nofsinhar f'Rahal Gdid fi proceduri kriminali ikkorrompa xhud (Emanuel Barbara) b'theddid, sabiex jaghti xiehda falza jew jaghti tifsir falz bi ksur tal-Artikolu 102 tal-Kap. 9;
**(5)** [fl-istess data, lok u hin] ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emanuel Barbara;
**(6)** u hebb ghall-Emanuel Barbara, sabiex jingurjah, jheddu jew jaghmillu hsara;
**(7)** talli sar recidiv b'seba' sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16-12-1993, 5-9-1994, 26-10-1994, 24-7-1995, 1-1-1996, 27-2-1996, u 31-1-1996;
**(8)** talli kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tal-10-12-1996;
**(9)** u talli ikkometta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5-3-1997;

L-ewwel qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-hati li jhallas l-ispejjez peritali skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Aquilina hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu

- **i.** ghall-"piena karcerarja kompsessiva" [<u>**recte**</u>**:** piena ta' prigunerija komplessiva] ta' **hames snin** u multa ta' **tlett elef lira** (Lm3000);
- **ii.** ordnat li s-sentenza sospiza tal-5 ta' Marzu, 1997 tibda ssehh; u
- **iii.** fir-rigward tas-sentenza tal-10 ta' Dicembru, 1996 ikkundannatu ghall-"piena karcerarja" [<u>**recte**</u>**:** piena ta' prigunerija] ta' **sena**;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Aquilina, minnu ppresentat fit-23 ta' Jannar, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu erba' aggravji, li ser jigu trattati *seriatim*.

L-ewwel aggravju hu fis-sens li s-sentenza ta' l-ewwel qorti (cioe` s-sentenza appellata tal-11 ta' Jannar, 2002) hija nulla u dana peress illi, skond l-appellant, din kienet <u>it-tieni sentenza</u> li nghatat fil-konfront tieghu f'dana l-kaz. Skond l-appellant dawn il-proceduri ntemmu <u>bl-ewwel sentenza</u> li nghata fit-18 ta' Settembru, 2001.

Bhala fatt, dak li gara f'din il-kawza kien is-segwenti: fit-18 ta' Settembru, 2001, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat sentenza fejn sabet lil Joseph Aquilina hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Meta dik il-qorti giet biex taghti l-piena, peress li kien hemm sentenza ta' prigunerija sospiza nvoluta (id-disa' imputazzjoni) moghtija minn <u>din</u> il-Qorti – cioe` mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali – dik il-qorti (evidentement ghax hawwdet lil din il-Qorti mal-Qorti Kriminali msemmija fl-Artikoli 28C(2) u 28E(3) tal-Kodici Kriminali) baghtet il-kaz ghad-determinazzjoni tal-piena quddiem <u>din</u> il-Qorti. Bil-provvediment taghha tal-1 ta' Novembru, 2001, din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-Qorti Inferjuri ghal dak li jipprovdi s-subartikolu (3) tal-Artikolu 28C tal-Kap. 9, u li ghalhekk kienet il-Qorti Inferjuri stess li f'dan il-kaz kellha titratta dwar is-sentenza sospiza; b'dak l-istess provvediment din il-Qorti indikat lill-ewwel qorti li dik il-qorti kellha "tghaddi biex tintegra s-sentenza taghha [tat-18 ta' Settembru, 2001] bil-piena skond il-ligi". Effettivament l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha tal-11 ta' Jannar, 2002, regghet <u>irrepetiet</u> – ghal dak li huma l-imputazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet – dak li kienet qalet fit-18 ta' Settembru, 2001 b'dan pero` li din id-darba meta giet ghall-piena effettivament tat piena – kif indikatilha li kellha taghmel <u>din</u> il-Qorti. F'dana kollu din il-Qorti ma tara ebda irregolarita` li ggib maghha xi nullita` kif qed jippretendi l-appellant. Kemm il-ligi kif ukoll il-prassi tajba jipprospettaw il-possibilita` li sentenza moghtija minn qorti tinqasam f'zewg partijiet: il-parti li permezz taghha dak li jkun jinstab hati,

u l-parti (li permezz taghha s-sentenza tigi finalizzata) li fiha tinghata l-piena jew provvediment iehor. Hekk, per ezempju, jigri f'guri wara li jinghata l-verdett mill-gurati – il-Qorti Kriminali tista' tiddifferixxi biex tisma' provi limitatament dwar il-piena. Qorti Inferjuri u din il-Qorti (anke fil-kompetenza superjuri taghha, cioe` meta tkun komposta minn tlett Imhallfin) jistghu wkoll, wara li jkunu waslu ghall-konkluzzjoni ta' htija, jiddifferixxu biex jinstemghu provi dwar il-piena u/jew biex issir trattazzjoni limitatament dwar il-piena. L-Artikolu 13 tal-Kap. 152 jipprovdi, inoltre, specifikatament ghal meta, wara s-sejbien jew dikjarazzjoni ta' htija, qorti tkun trid tinnomina ufficjal tal-*probation* biex jigbor u jaghtiha aktar informazzjoni dwar il-hati – f'dan il-kaz il-qorti wkoll tiddifferrixi u s-sentenza tigi finalizzata aktar tard. Minbarra dan, hemm id-disposizzjonijiet dwar is-sentenzi sospizi, disposizzjonijiet li jikkontemplaw (fuq sistema Ingliza) il-possibilita` li l-htija tigi determinata minn qorti u l-piena tigi determinata minn qorti ohra – ara l-Artikoli 28C(2) u 28E(3)(4) tal-Kap. 9. Huwa veru li fil-kaz odjern, l-ewwel qorti setghet, fil-11 ta' Jannar, 2002, semplicement ghamlet referenza ghal dak li kienet qalet fit-18 ta' Settembru, 2001 dwar il-htija flok ma regghet irrepetiet kollox; il-fatt, pero`, li regghet irrepetiet kollox ma jgibx ghan-nullita` tas-sentenza, sentenza li effettivament inghatat fil-11 ta' Jannar, 2002 ghax kien biss f'din l-ahhar data li wiehed jista' jghid li s-sentenza kienet kompluta. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju hu fis-sens li hu ma kellux jinstab hati ta' traffikar. Skond l-appellant ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ma kienu xejn konvincenti. Huwa jattakka in partikolari d-deposizzjoni ta' Faical (Faisal) Mahouachi – li huwa effettivament l-uniku xhur dwar ix-xiri u bejgh ta' droga – bhala li m'ghandhiex titwemmen u dana peress li dana Faical jghid li huwa xtara minghand l-appellant id-droga erojina fit-8 ta' Ottubru, 1997 meta l-istess appellant kien b'mutur iswed. L-appellant jikkontendi li gie ppruvat li dana l-mutur kien ghandu biss fid-9 ta' Ottubru, 1997. Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet kollha, hi tal-fehma li l-ewwel qorti setghet, legalment u ragjonevolment, tibbaza l-konkluzzjoni taghha ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni fuq id-deposizzjoni ta' dana Faical. Fid-9 ta' Ottubru, 1997, dan Faical ta deskrizzjoni tajba bizzejjed kemm tal-mutur kif ukoll ta' fejn, fil-mutur, kellha tinstab id-droga li huwa qal li kien xtara l-gurnata ta' qabel. Effettivament, meta aktar tard dik il-gurnata il-pulizija marru fil-post fejn kien indikalhom dana Faical, huma sabu lill-appellant b'mutur iswed, b'mera wahda fuq ix-xellug, u sabu wkoll pakkett ta' erojina fl-istess mera – kollox kif kien indikalhom Faical. Issa, Faical kien ilu mizmum mill-pulizija mill-gurnata ta' qabel, cioe` mit-8 ta' Ottubru, 1997, u ghalhekk kollox jindika li l-appellant kellu ghandu l-mutur anke qabel id-9 ta' Ottubru, 1997, jew jekk mhux dak l-istess mutur, mutur iehor identiku. Wara kollox ir-rappresentant tad-ditta li minn ghandha l-appellant xtara l-mutur, Geoffrey Scerri, qal semplicement li kienet "prattika generali" li mutur jigi mghoddi lil dak li jkun fid-data li fiha jigi registrat (f'dan il-kaz il-mutur gie registrat fid-9 ta' Ottubru, 1997) u li ghalhekk huwa kien semplicement qed jassumi, fl-assenza ta' xi dokument li jirregistra d-*date of delivery*, li l-mutur gie *delivered* fid-9 ta' Ottubru, 1997 u mhux qabel. Kollox ma kollox din il-Qorti ma tarax li

ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti dwar l-ewwel imputazzjoni kif aggravata bit-tielet imputazzjoni.

It-tielet aggravju ta' l-appellant huwa dwar ir-raba' imputazzjoni, cioe` dik ta' korruzzjoni ta' xhud bi ksur tal-Artikolu 120 tal-Kodici Kriminali. L-appellant jikkontendi li din l-imputazzjoni ma giet b'ebda mod pruvata. Apparti konsiderazzjonijiet ohra, pero`, din il-Qorti tara li hemm raguni fondamentali ghala l-ewwel qorti ma setghetx issib lill-appellant, allura imputat, hati skond din l-imputazzjoni: in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali tal-5 ta' Jannar, 1999 (fol. 228) eskludiet espressament reati ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali. Ir-reat ipotizzat fir-raba' imputazzjoni, anke fil-forma ta' tentattiv (Art. 102(b)), huwa dejjem ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali peress li l-piena teccedi s-sitt xhur prigunerija. Kif inghad, ir-reat ipotizzat fir-raba' imputazzjoni gie espressament eskluz mill-Avukat Generali fin-nota msemmija, u ghalhekk l-ewwel qorti kellha semplicement tinjora dik l-imputazzjoni.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-imputazzjoni numru disgha. Huwa jikkontendi li s-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Marzu, 1997 kienet fil-fatt diga giet attivata. Hawnhekk ukoll l-appellant ghandu ragun. Infatti, b'decizzjoni ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 1998, wara li rrizulta li Aquilina ma kienx ikkonforma ruhhu mad-direttiva dwar restituzzjoni jew kumpens inkluza fl-ordni ta' sentenza sospiza tal-5 ta' Marzu, 1997, din il-Qorti kienet ordnat li dik is-sentenza ta' sentejn prigunerija tibda ssehh.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

**a.** thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond ir-**raba'** imputazzjoni, u minflok tilliberah minn dik l-imputazzjoni;

**b.** thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu hames snin prigunerija u multa ta' tlett elef lira u minflok tikkundannah ghall-piena ta' **sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija** (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li Aquilina ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz) u multa ta' **elfejn lira (Lm2000)** (konvertibbli fi tlett xhur prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi);

**c.** thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ordnat li s-sentenza sospiza tal-5 ta' Marzu, 1997 tibda ssehh; u

**d.** tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluza f'dik il-parti fejn l-appellant gie kkundannat sena prigunerija fir-rigward tas-sentenza tal-10 ta' Dicembru, 1996[1].

Aldo Testone
Dep. Registratur

[1] Fol. 157 tal-atti.